# MALTA MISSJUNARJA – L-1 PARTI



Dun Anton Xiberras

Bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet li ser jimmarkaw l-anniversarju matul is-sena 2022 f'għeluq id-disgħin sena mill-ewwel ħarġa tal-perjodiku mensili Malta Missjunarja (MM), se nibda nagħtikom tagħrif dwar poeżiji Maltin u kitbiet oħrajn ta' xeħta letterarja li bdew jidhru sa mill-ewwel edizzjoni. Ma' dan l-anniversarju nixtieq inżid ukoll anniversarju ieħor – dak ta' Dun Anton Xiberras (DAX) (1922-2006), qassis-poeta Naxxari, f'għeluq il-mitt sena minn twelidu. Bħala membru tal-Kunsill u Teżorier Nazzjonali tal-Opri Missjunarji Pontifiċji, ħajtu qattagħha jiġbor il-fondi b'risq il-ħidma missjunarja fil-kontinent Afrikan u fl-Indja; f'Awwissu 1983 kien żar dan il-pajjiż biex jara b'għajnejh stess il-ġid imwettaq mill-għotjiet Maltin.

Għal ħafna snin DAX kien l-editur ta' MM fejn kiteb kull xorta ta' buzzetti, djalogi, drammi, eleġiji, ħrejjef, leġġendi, novelli, poeżiji, rakkonti, skizzi u stejjer. Fost xogħlijietu, 'Kalb ta' Tfajjel' aktarx li kien l-ewwel rakkont tiegħu (sena VII, Ġunju 1939, nru 6, p. 155). Insibu żewġ rumanzi missjunarji: 'Demm tal-Martri' (1941-2) u 'Il-Wieħed u Ħamsin' (1949-51) (Empire Press, 1951), iddedikat lil Dun Anton Cilia (1910-79), Direttur Nazzjonali tal-Opri Missjunarji Pontifiċji. Kien hu li żera' fih l-imħabba lejn il-missjoni sa mill-bidu nett li daħal is-seminarju tal-Furjana fl-1934, b'Dun Anton Cilia jkun il-prefett tiegħu. Hemmhekk sab li diġà kien jeżisti l-moviment missjunarju fost l-istudenti bl-isem ta' 'Crociata Missionaria San Paolo', imwaqqaf fl-1928 bl-inizjattiva tar-Rettur Mons. Darmanin. Minnu nħareġ grupp ta' seminaristi li wettqu ħidmiet importanti, fosthom il-ħruġ ta' MM f'Settembru 1932.




Matul il-kważi disgħin sena ħajja ta' MM, il-qarrejja adulti żgur li qraw in-novelli ta' Sciant [psewdonimu li DAX kien iħobb juża fix-xogħlijiet bikrin tiegħu, magħmul mill-ewwel tliet ittri t'ismu u kunjomu Sci(berras) + Ant(on)], 'Ir-Rakkont tax-Xahar', 'Kulturi ta' Popli', 'Dawra Durella' jew '5 Minuti Intervall'. Lill-qarrejja ż-żgħar ukoll




Il-qoxra tal-ewwel Malta Missjunarja, Settembru 1932.

kien jiddedikalhom il-paġna 'Għat-Tfal Tagħna' minn Il-Missjunarju Tagħkom; fiha kien idaħħal ukoll xi logħob u ċajt. Anki ż-żgħażagħ kellhom ir-rokna tagħhom f'kitbietu. U għad li għal xi snin kien waqaf jikteb f'MM, lejn l-aħħar tas-seklu li għadda u l-bidu tal-millennju l-ġdid, kien irnexxielu joħroġ erba' kotba bil-leġġendi f'forma ta' proża u/jew poeżija bi spejjeż tal-Opri Missjunarji Pontifiċji f'Malta: 'It-Tifel Misruq u Leġġendi Oħra' (1992); 'Aktar Leġġendi' (1996); 'Aktar u Aktar Leġġendi' (2001); u 'Stejjer, Stejjer, Stejjer' (2003), b'għażla vasta ta' stejjer minn mad-dinja kollha.

MM [1932-6]: Fir-rivista nru 4 ta' Diċembru 1932, insibu żewġ xogħlijiet letterarji mill-pinna tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila (1871-1961): 'Milied u Missjoni' (Sena I, Diċembru 1932, Nru 4, p. 89), sunett Petrarkan, datat 10 ta' Diċembru, u 'Qalb ta' Missjonarju' (Sena I, Marzu 1933, nru 7, p. 155), poeżija bi 15-il strofa ottonarja u rima abċb, datata 25-6 ta' Frar 1933. Sunett ieħor fi stil Petrarkan – 'Lill-Missjunarju' kitba ta' M. Agius (Ħal Lija, Settembru 1933), deher f'paġna 271 tar-rivista nru 11 t'Awwissu-Settembru. Bl-istess isem insibu wkoll poeżija b'10 strofi



MALTA MISSJUNARJA

Perjodicu li johrog cull xahar mill-Cunsill Centrali ta' l-Opri Pontifici Missjunarji.

Direttur: is-Sac. Nicola Zammit, 227 Sda. Mercanti, Valletta.

Abbonament xelin fis-sena, jew sold mal-cunsinna.

L-ewwel Hargia.



*L-Istitut Missjunarju mibdi minn* MONS. DEPIRO *ħdejn S. Agata, ir-Rabat: Chif sejjer icun.*

endekasillabi ta' Karm(enu) Vassallo (1913-87) bid-data tas-7 ta' Jannar (Sena II, Novembru 1933, nru 13, p. 11). Ta' min jgħid hawnhekk li dan il-poeta filosofu huwa l-awtur ta' ħafna poeżiji miġburin f'ħames antoloġiji: 'Nirien' (1938); 'Kwiekeb ta' Qalbi' (1944); 'Ħamiem u Sriep' (1959); 'Tnemnim' (1970) u 'Bejn Qċaċet u Qigħan' (1974).

Ix-xahar ta' wara (Sena II, Diċembru 1933, nru 14, p. 39), dehret il-poeżija 'Milied ta' Missjunarju' tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani (1909-1999). Fir-rivisti mensili ta' Frar (nru 16) u Ottubru (nru 24) 1934 rispettivament, insibu 'Nhar in-Nawfraġju' (p. 84), sunett Petrarkan ta' Dun Karm, datat 15 ta' Jannar, u 'Tiftakar, Mà!' (pp. 292-3), poeżija tal-ġiżwita Ġużè Delia S.J. (1900-80) – magħruf għal-leġġendi tiegħu f'versi, maħduma s-Siġġiewi, raħal twelidu, datata 15 ta' Settembru. Poeżija oħra bi tmien strofi endekasillabi hija dik bl-inizjali ta' S.M. li ġġib l-isem ta' 'Mons. G. De Piro' (Sena III, Settembru 1935, nru 9, p. 213), miktuba fl-okkażjoni t'għeluq is-sentejn mill-mewt ta' dan l-appostlu tal-missjoni, imfakkar l-aktar għall-opra kbira tiegħu bit-twaqqif tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Sena wara, dehru tlieta oħrajn bit-tema missjunarja: il-poema 'Missjunarju' (Sena IV, Frar 1936, nru 2, pp. 29-31) ta' Dun Karm, miktuba lejlet il-Milied; 'Innu Missjunarju' f'forma ta' djalogu bejn missjunarji u infidili, t'awtur anonimu (Sena IV, Ottubru 1936, nru 10, p. 239); u 'Il-Missjunarju' (Sena IV, Diċembru 1936, nru 12, p. 267), sunett Petrarkan ta' Mons. Gauci. ■